**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 17 ta' Novembru, 2021**

Numru 5

**Appell Nru. 22/2021**

**Natalino u Josette konjugi Agius**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u**
**l-kjamat in kawza Carmel Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tat-terzi interessati konjugi Agius tal-24 ta’ Gunju 2021 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-8 ta’ Gunju 2021 li biha cahdet talba tat-terzi ghal revoka ta’ permess mahrug favur Carmel Farrugia (PA2782/15). It-talba kienet mibnija fuq il-premessa ta’ frodi [art. 80(1)(a)] jew sottomissjoni ta’ informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li hi inkorretta jew li ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit [art. 80(1)(b)] jew zball f’dokument li jidher minn ezami tal-istess dokument [art. 80(1)(c)];

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta tal-applikant li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell gie ntavolat minn terzi fil-konfront tad-decizjoni tal-Bord tal-Ippjanar ghal talba ta' revoka tal-permess PA 2782/15 li jirrigwarda proposta ta' alterazzjonijiet u estensjoni ta' villa ezistenti, inkluz twaqqigh u rilokazzjoni tal-garaxx. Il-fond jinsab f'zona ta' prijorita' residenzjali [Skont Mappa BZM1 tal-Pjan Lokali ghac-Centru ta' Malta] fi Triq il-Paguni fil-lokalita' ta' Hal-Balzan.

Illi permezz tal-appell odjern l-appellanti ressqu s-segwenti aggravji kontra l-izvilupp approvat hekk kif gej:
1. Illi l-Awtorita' ma tistax tinjora talbiet li jirrigwardaw kwistjoni ta' propjeta' u tichad it-talba ghar-revoka. Illi dan ilprincipju gie enuncjat f'Rita Dalmas v. l-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et. Jinghad li l-Awtorita' kellha tissospendi s-smiegh tat-talba sakemm il-kwistjoni ta' titolu tal-propjeta' tigi deciza b'mod finali mill-Qrati. Illi dikjarazzjoni falza fiddeclaration of ownership ghandha twassal ghan-nullita' tal-applikazzjoni u ghalhekk, li kieku l-falsita' fid-dikjarazzjoni kienet maghrufa, il-permess qatt ma kien jinhareg.
2. Illi fid-decizjoni tar-revoka, l-Awtorita' qieset li l-kwistjoni civili kienet immaterjali ghall-fatt li anki kieku wiehed kellu jelimina l-parti tas-sit mertu tal-kwistjoni ta' ownership, xorta wahda s-site coverage jirrizulta li jkun inqas minn 40% (eskluz il-garaxx fis-site curtilage). Illi din il-konkluzjoni hija zbaljata u dan ghaliex il-garaxx qatt ma kellu jigi eskluz filkomputazzjoni tas-site coverage, skont id-definizzjoni ta' site coverage f'policy 3.2 tad-DC2007, u anki kieku lapplikant kellu sehem indiviz mill-isqaq privat, l-Awtorita' qatt ma setghet tiehu parti mill-isqaq (parti stradali) u tinkludih fis-site area. Oltre dan, l-Awtorita' injorat il-fatt li l-garaxx de quo qatt ma seta' jikkwalifika bhala wiehed permissibbli fis-site curtilage ghaliex ma jissodisfax il-rekwiziti ta' rtirar tal-policy 6.9 tad-DC2007.

Illi fir-risposta taghha, l-Awtorita' rriteniet l-oggezzjoni taghha ghat-talba tar-revoka tal-permess u, b'referenza ghal Artikolu 72(1) ta' Kap 552 u d-decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell 16/2015 u 62/2018, ssostni li kwistjonijiet ta' ownership imorru lil hinn milliskop tal-proceduri ta' appell. Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-Awtorita' tghid li skont policy 3.2 tad-DC2007, id-deskrizzjoni ta' garaxx taqa' taht referenza separata mill-bqija tal-ispecifikazzjonijiet ghal villa, u dan jimplika li l-garaxx kien ikkunsidrat separatament mil-bqija tas-site coverage. L-Awtorita' tikkonkludi li kemm biz-zona li taqa' taht il-kwistjoni ta' titolu tal-propjeta' kif ukoll minghajr, l-izvilupp approvat jissodisfa r-rekwizit tal-policy rilevanti fir-rigward ta' site coverage.

Illi fir-risposta tieghu il-permit holder jargumenta li l-ilment odjern mhux ibbazat fuq kwistjoni ta' frodi jew dikjarazzjoni qarrieqa, izda dwar interpretazzjoni tal-Bord ta' policies, u ghaldaqstant mhux materja li tigi diskussa bis-sahha tal-Artikolu 80 tal-Kapitlu 552. Fir-rigward tal-ewwel aggravju jinghad li l-Bord kien korrett meta ma laqax it-talba ghas-soprasessjoni ta' dawn il-proceduri u dan ghaliex ma hemm l-ebda bazi tenut kont tac-cirkustanzi kemm tal-istess permess taht valutazzjoni, tad-drittijjiet talapplikant, kif ukoll l-lungezza li jiehdu l-proceduri fil-Qrati. Illi l-applikazzjoni kienet legalment korretta u bbazata fuq dak miktub fil-policies. Il-permit holder jargumenta li kull semi-detached villa fl-akkwata taqbez il-limitu ta' 40% site coverage jekk wiehed jikkalkula l-garaxx fil-komputazzjoni u jaghmel referenza ghall-policy 3.2 tad-DC2007 li takkorda l-eccezzjoni li "new development shall conform to the requirements/conditions which have been applied to the adjoining development". Flahhar jinghad li l-appellanti waslu ghal konkluzjoni zbaljata fir-rigward ta' rtirar tal-garaxx de quo sta li l-kalkolu taghhom qed jittiehed minn punt hazin u li m'huwiex il-building alignment.

Illi fil-mori tal-appell l-appellanti pprezentaw nota b'argumenti simili hekk kif mressqa fir-rikors tal-appell, inkluz li l-garaxx in kwistjoni ma jipprovdix ghal tlett parkeggi kif rikjest mill-policy 6.9 tad-DC2007. F'kontro-risposta, il-permit holder jghid li hekk kif gie kkunsidrat mill-Awtorita', il-garaxx propost jista' jakkomoda parkegg wiehed, filwaqt li z-zewg parkeggi l-ohra jistghu jigu akkomodati fis-site curtilage. Nonostante dan, it-Tribunal jinnota li din il-kwistjoni tmur lil hinn mill-mertu tat-talba tar-revoka tal-permess, li fuqha huwa ntavolat dan l-appell.

Ikkunsidra;

Illi dan l-appell gie ntavolat wara li l-appellanti ressqu talba lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex il-permess PA 2782/15 jigi revokat ai termini tal-Artikolu 80 tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp minhabba dikjarazzjoni falza sottomessa mill-applikant fuq titolu ta' propjeta', liema talba giet michuda mill-Bord tal-Ippjanar. Illi ghaldaqstant m'huwiex fil-kompitu ta' dan it-Tribunal li jidhol fil-mertu tal-applikazzjoni jew interpretazzjoni ta' policy mill-gdid, izda ghandu jara jekk ir-ragunijiet stabbiliti fit-talba mressqa mill-appellanti jaghtux lok ghal invokazzjoni tal-Artikolu 80.

Illi fl-ewwel lok, dan it-Tribunal jirreferi ghall-Artikolu 80 tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp li jistipula s-segwenti:

80. (1) Il-Bord tal-Ippjanar jista' biss
(a) fil-każijiet ta' frodi; jew
(b) meta jkun hemm is-sottomissjoni ta' xi informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li hija inkorretta jew li ma tirriflettix is-sitwazzjoni fuq is-sit; jew
(ċ) fejn hemm żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument; jew
(d) fejn is-sigurtà pubblika hija konċernata,
b'deċiżjoni jirrevoka jew jibdel kull permess għall-iżvilupp mogħti taħt dan l-Att, inkluża kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-Bord tal-Ippjanar skont xi Ordni, filwaqt li fid-deċiżjoni jagħti r-raġunijiet tiegħu u jrid jindika b'mod ċar il-bażi legali tar-revoka għal dik id-deċiżjoni;

Illi t-talba mressqa mill-appellanti ghar-revoka tal-permess [Dok. 98A fl-inkartament ta' PA2782/15] hija marbuta principarjament mal-argument li l-applikant m'ghandu lebda sehem mill-ownership hekk kif indikat minnu stess permezz ta' block plan a fol

38A fl-inkartament tal-applikazzjoni, u jezisti kaz pendenti l-Qorti f'dan ir-rigward. Fl-istess talba u fuq bazi ta' dan, l-appellanti jsostnu li z-zona in kwistjoni, li qed tintuza bhala zona ghall-parkegg, ma tistax tigi kkunsidrata bhala parti mis-site area, u dan jipprezenta 'error at the face of the record', kif elenkat fi kriterju (c) tal-Artikolu supra-citat. Oltre dan, fi kwalunkwe kaz, is-site coverage qed jeccedi l-massimu permissibbli ta' 40% tas-site area.

Illi dan it-Tribunal ha konjizzjoni tar-risposta tac-Chairperson Ezekuttiv [Dok. 100A fl-inkartament ta' PA2782/15] ghat-talba tar-revoka tal-permess fejn jinghad li f'termini ta' ownership l-Awtorita' tistrieh fuq id-dikjarazzjoni tal-applikant, filwaqt li l-kontestazzjoni tat-tali titolu ghad irid jigi solvut millQrati. Jinghad li l-uzu ghall-parkegg ta' din il-parti tas-sit m'ghandux relevanza ghall-fatt li z-zona hija indikata ghal zvilupp detached jew semi-detached u l-informazzjoni sottomessa mill-appellant tikkorispondi ghas-sitwazzjoni ezistenti. Oltre dan, qed jigi kkunsidrat li anki jekk din iz-zona kontestata kellha tigi eskluza, l-izvilupp approvat huwa xorta konformi mal-massimu stipulat, sta li l-garaxx fis-site curtilage m'huwiex inkluz fil-komputazzjoni tas-site coverage.

Illi hekk kif spjegat supra, m'huwiex lok li t-Tribunal jidhol fil-mertu ta' kif qed tigi interpretata l-policy tal-villel mill-partijiet koncernati, fir-rigward tal-komputazzjoni tas-site area u s-site coverage, izda ser jittratta l-aspett relatat direttament malArtikolu 80 tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp, u cioe' jekk dak li qed jallegaw l-appellanti fir-rigward ta' 'error at the face of the record' huwiex minnu.

F'dan ir-rigward it-Tribunal jinnota li d-dikjarazzjoni tal-applikant (illum il-permit holder) bhala 'sole owner' fuq il-formola tal-applikazzjoni [Dok. 1 fl-inkartament ta' PA2782/15] tikkorispondi ghall-konfigurazzjoni tas-sit kif indikata fuq is-site plan approvata [Dok. 1C fl-inkartament ta' PA2782/15]. Oltre din is-site plan, l-applikant issottometta block plan dettaljata a fol 38A li turi t-tqassim ta' ownership fuq spazzju kontigwu mas-sit propjeta' tal-istess applikant, kif ukoll estratt mill-kuntratt ta' akkwist tal-propjeta' a fol 14B bhala prova ta' common ownership ta' dan l-ispazzju, li huwa kondiviz bejn erba' villel. Ghaldaqstant, it-Tribunal hu tal-fehma li l-informazzjoni sottomessa mill-appellant kienet prezentata b'mod car fil-process tal-applikazzjoni, u liema informazzjoni tikkorrispondi ghas-sitwazzjoni ezistenti hekk kif jidher mir-ritratti tal-ajru. Konsegwentament, ma jirrizulta l-ebda zball f'dokument li jidher minn ezami tal-istess dokument li bih il-Bord tal-Ippjanar kellu s-seta' li jirrevoka l-permess odjern skont kriterju (c) ta' Artikolu 80.

Illi ghaldaqstant jibqa' l-kontestazzjoni dwar jekk huwiex minnu li l-applikant ghandu co-ownership tal-parti kongunta mas-sit, hekk kif indikat fuq il-block plan sottomessa, jew le. Illi f'dan ir-rigward, it-Tribunal ha konjizzjoni tal-estratt mid-diskussjoni li saret waqt il-laqgha tal-Bord tal-Ippjanar tas-17 ta' Settembru 2020 fejn jinghad hekk kif gej:
The issues being raised are ownership related and all permits are issued saving third party rights. If the court case rules in favour of Dr Vella's clients, the permit is declared null and void. The fora to decide the ownership issue is the civil courts and the Planning Board is to decide in terms of Article 80.

Illi l-appellant qed jikkontesta dan l-argument tal-Bord tal-Ippjanar supra-citat billi jghid li l-Awtorita' ma tistax tinjora talbiet li jirrigwardaw kwistjoni ta' titolu ta' propjeta',

u f’dan ir-rigward jaghmel referenza ghall-principju li gie enuncjat mill-Qorti talAppell fl-ismijiet Rita Dalmas v. l-Awtorita’ dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et. fejn intqal hekk kif gej:
Il-Qorti trid tqis ukoll li t-Tribunal f’dan il-kaz ukoll ghandu jikkonsidra jekk il-petrol station tinsabx fuq art talappellant jew art ta’ terzi billi l-kliem uzat fl-applikazzjoni hu ‘decommissioning of kerb side fuel station’. ItTribunal irid iqis li l-artikolu 68(3) jitlob il-kunsens tas-sid li fuq is-sit tieghu ser isir zvilupp. Din hi l-kwistjoni li tTribunal irid jikkunsidra u jiddeciedi dwarha.

Hawnhekk it-Tribunal jinnota illi ghaldaqstant huwa car li l-argument mressaq mill-appellanti jistenna interpretazzjoni ta’ punti legali fir-rigward ta’ drittijiet civili allegati bejn il-partijiet. Infatti dwar dan, hemm kawza civili pendenti gewwa l-Qrati Civili li turi bic-car li l-kwistjoni ta’ bejn il-partijiet hija ta’ natura civili u li allura tmur lil hinn mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Illi dan it-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Dicembru, 2015 fl-ismijiet: Joseph Azzopardi vs L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Franklin Azzopardi (46/2015) fejn gie affermat is-segwenti principju:
fejn hemm kontestazzjoni dwar it-titolu fuq il-proprjeta jew xi dritt reali jew anki personali fuq l-istess proprjeta li fuqha tkun mibnija l-proposta, l-Awtorita ma hix fdata tiddetermina l-kwistjoni ta’ natura civili hi, izda ghandha tindirizza l-applikazzjoni biss mill-lat ta’ ippjanar u kull permess li talvolta jista’ jigi approvat, hu attwabbli biss fin-nuqqas ta’ oppozizzjoni minn min ikun qed jivvanta dritt fuq il-proprjeta li fuqha jkun inhareg il-permess ta’ zvilupp. Altrimenti kull min irid ifixkel lil Awtorita milli taqdi d-dover primarju li tikkonsidra proposti ta’ zvilupp mill-lat talligijiet ta’ ippjanar u jista’ facilment jistultifika l-process billi jivvanta dritt fuq issit u jwaqqaf il-procedura ta’ ippjanar. Dan ma huiex l-iskop tal-legislatur. L-obbligu tal-Awtorita hi li f’kaz car ta’ nuqqas ta’ disputa fuq it-titolu tas-sit, jekk jirrizulta li l-izvilupp qed jintalab fuq sit ta’ terz li qed joggezzjona ghall-izvilupp, l-Awtorita ma ghandhiex tintratjeni applikazzjoni fuq il-bazi teoretika biss ta’ dak li jista’ jigi zviluppat. Il-kwistjoni pero hi differenti meta l-partijiet mhix konkordi fuq ittitolu jew xi limitazzjoni fuqu u ma hemmx prova cara dwaru. F’dan il-kaz lAwtorita hi libera li tiddeciedi x’inhu fattibbli u sta ghal partijet li jirregolaw ruhhom fuq kwistjonijiet purament ta’ natura civili.

Ghaldaqstant huwa car li l-Awtorita’ m’hijiex fdata tiddetermina l-kwistjoni ta’ natura civili hi, izda ghandha tindirizza lapplikazzjoni biss mill-lat ta’ ppjanar, u hu propju ghalhekk li permess jinghata minghajr pregudizzju ghad-drittijiet civili ta’ terzi (saving third party rights).

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-Awtorita’ kienet korretta li tiehu decizjoni fuq it-talba ta’ revoka tal-permess minghajr ma tissospendi s-smiegh sakemm il-kwistjoni ta’ titolu tal-propjeta’ tigi deciza b’mod finali mill-Qrati, u dan ghaliex jekk il-Qorti tiddeciedi favur l-appellanti, il-permess xorta jigi dikjarat null. Oltre dan, t-Tribunal jinnota li l-Artikolu 80 tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp huwa specifiku meta ghandhom jigu kkunsidrati revoka ta’ permessi. F’dan il-kaz m’hu qed jitqies l-ebda involviment ta’ frodi, zball ta’ informazzjoni, żball f’dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument jew koncern ta’ sigurta’ pubblika. Illi t-talba tar-

revoka giet imqanqla mill-argument baziku ta' dritt civili fuq titolu ta' propjeta', u ghaldaqstant kwistjoni bhal din ghandha tigi rizolta mill-Qrati Civili.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqbel mad-decizjoni tal-Bord tal-Ippjanar li t-talba ghar-revoka tal-permess tigi michuda, u ghaldaqstant jichad l-aggravji mressqa mill-appellanti.

Ghal dawn il-motivi, u wara li t-Tribunal ha konjizzjoni tal-fatti speci kollha tal-kaz, it-Tribunal qieghed jichad dan l-appell, u jikkonferma l-permess kif mahrug f'PA2782/15.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tal-appellanti hu s-segwenti:

1. L-appellanti resqu aggravju wiehed mid-decizjoni tat-Tribunal. Huma qed jissottomettu illi t-Tribunal zbalja fil-ligi meta cahad it-talba ghas-soprasessjoni tal-appell sakemm tigi deciza kawza bejn l-appellanti u l-appellat Farrugia dwar id-dritt ta' proprjeta fuq parti mill-art li l-applikant iddikjara li ghandu sehem indiviz ta' wiehed minn erbgha u fejn l-appellanti qed jikkontestaw din id-dikjarazzjoni. Huma jsostnu li l-ezitu civili ser jinfluxxi fuq id-determinazzjoni tal-appell taghhom a bazi ta' dak imsemmi fl-artikolu [art. 80(1)(a), (b) u (c)].

Isostnu illi t-Tribunal zbalja legalment illi insista li kwistjonijiet bejn partijiet fuq titolu ta' proprjeta mhumiex parti mill-konsiderazzjonijiet li ghandu jaghmel it-Tribunal izda ghandu jigi accertat biss li d-dokumenti prezentati mill-applikant juru prima facie korrettezza tal-fatti u illi kull eventwali permess johrog salv id-drittijiet ta' terzi. L-appellanti jostnu li t-Tribunal ma jistax fl-istess nifs ma jqis kontestazzjoni fuq dritt ta' proprjeta u fl-istess waqt iqis prova wahda migjuba mill-applikant biss.

Izidu in oltre illi t-Tribunal kien zbaljat illi f'ezitu pozittiv ghall-appellanti tal-kawza civili, din kienet ser issarraf fin-nullita tal-permess. Dan ma tghidux il-ligi anzi l-ligi tghid biss li revoka ta' permess isir biss fuq il-kawzali imsemmija fl-artikolu 80 liema talba ghar-revoka tista' issir fi zmien hames snin mill-hrug tal-permess. Il-kawza civili ghadha ghaddejja mill-2016 u kieku ma nfethitx it-talba taht l-artikolu 80, l-appellant kien jisfa' bla rimedju quddiem it-Tribunal. Id-decizjoni tat-Tribunal ghalhekk nehhietlu d-dritt skont l-artikolu 80 li qed jipprova jistabilixxi bil-kawza civili.

Fl-ahhar l-appellanti jsostnu illi t-Tribunal esprima ruhu qabel il-waqt meta iddikjara li mill-atti ma irrizultalu ebda frodi jew zball ta' informazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Qabel xejn il-Qorti tippreciza illi r-rimedju ta' revoka taht l-artikolu 80 hu wiehed straordinarju u specifiku ghall-ahhar, mibni fuq parametri ristretti. Dan hu l-uniku mod li persuna ghandha s-setgha li titlob ghal revoka ta' permess mahrug. It-talba trid issir entro hames snin u jekk ma issirx jintilef id-dritt ta' talba ghal revoka quddiem l-Awtorita. Il-Qorti izzid ukoll li ghalkemm l-access ghal Qorti ma jista' qatt jigi pregudikat u dan bis-sahha tal-poteri residwali tal-Qorti skont il-Kodici tal-Procedura Malti, madankollu fejn hemm rimedju specifiku f'ligi ad hoc, hu dak ir-rimedju u fil-kejl maghmul mill-istess ligi specifika li ghandu jintuza.

B'zieda ma' dan il-Qorti hi tal-fehma illi l-artikolu 80 mhux mibni b'formalistika zejda izda ghandu jinftiehem fl-ispirtu tieghu hekk li l-pregudizjali fis-subincizi (a), (b) u (c) tal-artikolu 80, jekk pruvati, jridu jkunu affettwaw is-sustanza tal-izvilupp permess.

Maghdud dan kollu l-Qorti hi tal-fehma illi t-Tribunal ma stharigx sew l-ilment. Fl-ewwel lok la darba l-appellanti urew li kien hemm kawza pendenti bejn il-partijiet fuq parti mill-proprjeta mertu tal-kontestazzjoni ta' zvilupp, liema kawza ghadha pendenti, kellu jitqies jekk tali kawza setghetx skont l-ezitu taghha tinfluixxi fuq is-sustanza tal-izvilupp? Ir-risposta hi fil-pozittiv billi ezitu favorevoli ghall-appellanti ifisser li l-kejl ta' 43 metru kwadru ghal parti allegatament kodiviza, ma setghetx tittiehed in konsiderazzjoni biex jigi determinat l-izvilupp permissibbli fiz-zona. Jekk it-Tribunal strah fuq dikjarazzjoni tal-applikant biss meta stqarr li kwistjonijiet civili ma jidholx fihom allura saret kontradizzjoni bejn dak li gie mistqarr u dak li sehh fil-fatt. Dan kien iwassal lit-Tribunal biex iqis il-konsegwenza legali li ma jissoprasedix f'kaz bhal dan. L-estratti mis-sentenzi kwotati ma japplikawx ghal fattispecie legali ta' dan il-kaz. Il-principji jibqghu l-istess pero jridu jigu adattati skont in-natura fattwali, u f'dan il-kaz legali, tal-aspetti kunsidrati.

Maghdud dan, it-Tribunal kellu jqis, kontrarjament ghal dak sottomess minnu, jekk ir-rizultanzi fattwali 'l ohra tal-kaz kienux ser ibiddlu jew le l-ezitu tal-permess, tkun xi

tkun id-decizjoni finali tal-kawza civili. Il-Qorti qed tirreferi ghal kejl tal-garage li l-Awtorita ma haditx kont tieghu u issottomettiet illi bi u minghajr il-kejl tal-proprjeta allegatament kodiviza, l-izvilupp xorta kien entro l-policies rilevanti. Din hi kwistjoni li t-Tribunal bilfors kellu jidhol fiha ghaliex ukoll timpingi fuq jekk fic-cirkostanzi ghas-soprassessjoni baqghux rilevanti o meno tenut dak li qalet aktar il-fuq din il-Qorti li l-artikolu 80 hu applikabbli fejn l-ezitu pozittiv tat-talba taht dan l-artikolu taffettwa jew le l-validita sostanzjali tal-permess gia mahrug.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti issib li l-appellant ghandu ragun in parti fl-aggravju tieghu fis-sens li t-Tribunal inkorra zball ta' ligi ghal mod kif ikkonsidra l-kwistjoni legali tas-soprasessjoni pero mhux kompitu tal-Qorti li tiddeciedi jekk hemmx lok ghal soprasessjoni izda thalli f'idejn it-Tribunal li jqis l-effett ta' din is-sentenza u jerga' jikkunsidra mill-gdid l-appell tal-konjugi Agius limitatament u biss fuq jekk fic-cirkostanzi ghandhiex tintlaqa' t-talba ghal soprasessjoni u f'dan is-sens qed tilqa' l-appell, tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-8 ta' Gunju 2021, u terga' tqis mill-gdid it-talba ghas-soprasessjoni fl-isfond tal-mertu kollu tal-appell quddiemha. Spejjez fic-cirkostanzi innovattivi tal-kaz jibqghu bla taxxa.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur